IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 65

## 17 ta` Dicembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 65.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

Fis-18:00hr Is-Sur Eman Zerafa nghaqad fil-laqgha.

### 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 64(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajma mill-Minuti**

65.2.1 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jiccekja mall-Kap tal-Iskola jekk hemmx xi tfal mill-lokal li m`ghandhomx kompjuter, sabiex il-Kunsill ikun jista` jkun ta` ghajnuna ghal dawn it-tfal. *(Minuti 64(07) 64.2.3)*

65.2.2 Is-Sur Trevor Mizzi ssugeriexxa sabiex fi Triq Pawlu Boffa jsiru tumbati zghar fejn xulxin sabiex il-vetturi jnaqqsu l-velocita tas-sewqan. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. *(Minuti 64(07) 64.3.2)*

65.2.3 Is-Sur John Boxall spjega li waqt laqgha li kellu mall-Kap ta-Iskola, Principal u Sindku gie diskuss li skejjel primarji jkollhom security guard waqt il-hin tal-iskola. Din it-talba giet milqugha mill-Ministru tal-Edukazzjoni. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa ssugeriexxa sabiex din is-sistema ma ssirx fl-iskola tal-Birgu biss imam tigi mqassma fi tlett skejjel differenti madwar Malta u Ghawdex bhala progett pilota. *(Minuti 64(07) 64.3.6)*

**65.3 Korrispondenza**

65.3.1 Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand Sensara Malta fejn talbu sabiex jitwahhlu zewg tabelli ta` reklamar fil-lokalita tal-Birgu b`site plan mehmuza ta` fejn irridu jitwahhlu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

65.3.2 Prezentata ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-avukat Dr. Alexia J.Farrugia Zrinzo dwar rampa li kellha ssir fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa minhabba access ghall-persuni li juzaw il-wheel chair. Il-Kunsill qabel unanimament li din ir-rampa ssir fl-immedjat.

65.3.3 Prezentata korrispondenza dwar l-allokazzjoni finanzjarja ghall-2019, fejn il-Kunsilli Lokali kollha zdiedu 5.479% mis-sena 2018. Ghas-sena 2019, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser ikollu allokazzjoni ta` €347,902.

65.3.4 Prezentata korrispondenza dwar l-Obstacle Challenge Race, fejn l-atleti ser jghaddu minn Sally Porte. Il-Kunsill idecieda unanimament li jibghat ittra lill-organizatturi dwar l-istat ta` din it-triq u dan sabiex apparti li jigi evitat xi incident, l-atleti jigu avzati f`liema stat tinstab din it-triq.

65.3.5 Gie moqrija korrispondenza li ntbghatet mis-Sur Rudolph Cricchiola dwar talba sabiex titbaxxa part minn bankina fi Triq Santa Skolastika. Wara li din it-talba giet dikussa, gie deciz li l-Kunsill jkellem lill-Perit tieghu.

65.3.6 Giet prezentata korrispondenza dwar ittra li ntbghatet lill- Kunsill dwar talba li l-Kunsill kien ghamel lill-barranin sabiex jghinu lill-Kunsill finanzjarjament ghal attivita tal-Birgufest 2018. Din il-korrispondenza intbghatet mill-NCPE u ghal din l-istess ittra, l-Kunsill wiegeb bl-avukat tal-Kunsill.

65.3.7 Prezentata Cirkulari AKL 2018/138 dwar Ftehim Haddiema fuq Skemi (RSSL U CWSEF). Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li dan il-ftehim gie iffirmat u mibghut lill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

65.3.8 Moqrija korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar SPI 10/2018 Skema ta` Restawr ta` Postijiet Storici, fejn il-Kunsill gie mgharraf li l-applikazzjoni tieghu giet skwalifikata minn din l-iskema skond il-klawsola tal-Linji Gwida punt 1.2.

65.3.9 Mibughta ittra mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar it-Torri tal-Arlogg.

65.3.10 Prezentata l-applikazzjoni li giet sottomessa mill-Kunsill Lokali Birgu dwar Cirk SPI12/2018 – Skema fianzjarja favor il-Komunita – Hajja Ahjar permezz ta` Ezercizzju Fiziku u Sports. Il-Kunsill applika sabiex isiru pilates ghall-anzjani, zumba ghaz-zghazagh u adulti.

65.3.11 Prezentati ritratti ta` sigar li jinsabu fi Triq San Dwardu taht l-iskola primarja, liema sigar qeghdin perikoluzi li sahansitra sigra minnhom waqghet. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li minhabba l-urgenza tal-kaz, diga` kienu saru xoghlijiet ta` zbir ta` sigar u tindif taz-zona.

65.3.12 Gie prezentat l-ahhar disinn tan-nicca tal-kurcifiss, liema disinn gie approvat minn naha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

65.3.13 Prenzentati l-kwotazzjonijiet tal-armar tal-arbli ghal matul il-festi tal-Milied. L-irhas kwotazzjoniji kienet dik tal-ghaqda tal-armar ta` San Duminku.

65.3.14 Gie prenzentata korrispondenza li turi li l-Kunsill Lokali tal-Birgu wera nteress fil-progett WINPOL – Interreg Europe

65.3.15 Moqrija ic-Cirk AKL2018/151 – Tqassim tal-boroz tal-iskart organiku mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament li jinghata dan is-servizz.

65.3.16 Giet prezentata l-korrispondenza dwar il-white paper tas-swieq fil-bierah.

65.3.17 Moqrija ittra li ntbghatet mill-Arcipriet tal-Birgu dwar restawr ta` orgni li jinsab fil-Knisja ta` San Lawrenz, fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jaghmel talba formali lill-Planning Authority biex jinstabu fondi ghal dan ir-restawr. Is-Sur Trevor Mizzi qal li ghal dawn it-tip ta` restawr il-Planning Authority ma taghtix fondi.

65.3.18 Giet prezentata l-kwotazzjoni ta` wahda miz-zewg antiporti li jinstabu fl-entratura principali tal-Berga ta` Franza, fejn l-ammont totali huwa ta` €1,680 vat inkluz –il wahda. Elf ewro mill-ispiza ta` wahda mill-antiporti ser tinghata b`donazzjoni mir-Rotary Club Malta u l-kumplament tal-ammont ser jithallas mid-donazzjonijiet li ngabru. Il-Kunsill approva li l-antiporta l-ohra ssir mill-fondi tal-Kunsill.

65.3.19 Prezentata korrispondenza dwar konferenza li ser ssir gewwa Romania fil-11 ta` April 2019 mill-Assocjazzjoni EDEN.

65.3.20 Gie prezentat il-kuntratt li gie prepart u li ntbaghtet mill-Assocjazzjoni Caminos de Passion. Is-Sur Anton Gellel gibed ghal attenzjoni tal-Kunsill li fil-kuntratt kien hemm inkluz ukoll il-historic garden, fejn dan ma kellix jigi inkluz bhal ma kien mifthiem fil-laqgha li kienet saret fi Spanja.

65.3.21 Gie prezentat ir-Rapport tal-Awditur Generali ghas-sena 2017. Il-Kunsill idecieda li ssir talba sabiex il-kuntratt tal-accountants jigi mgedded sa` Mejju, jigifieri sal-ahhar ta` din il-legislazzjoni.

65.3.22 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-konferenza li jmiss tal-progett WIVAS ser ssir bejn l-24 u 28 ta` Jannar 2019 gewwa Onga fl-Ungerija. Gie deciz li ghal din il-konferenza ser jattendu s-Sindku, s-Sur John Boxall u l-kunsillier is-Sur Lawrence Attard.

65.3.23 Moqrija korrispondenza li ntbaghtet mill-ghaqda TEN08 dwar talba sabiex jintefa` l-street lighting matul il-granet tal-attivita tan-Natale tal-Collachio. Is-Sindku qal li id-dwal tal-Collachio saru mill-kuntrattur RVC u ghalhekk ikun ahjar li jsir kuntatt mas-Sur Ray Vella biex dan ikun jista` jsir u dan m`ghandhux jigi mitfi minn terzi persuni ghalm ebda raguni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

65.3.24 Gie prezentat id-disinn tal-bandli u kif ser jitqassam l-equipment biex jithalla l-passagg ta` nofs vojt. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

65.3.25 Gie prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Novembru 2018. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

65.3.26 Giet prezentata l-petty cash ghax-xahar ta` Novembru 2018. Din giet approvata minn dawk prezenti.

65.3.27 Giet prezentata talba tal-haddiema klerikali sabiex il-leave li fadalhom tas-sena 2018 jigi mgedded ghas-sena 2019. Din it-talba giet approvata.

## 65.4 Attivitajiet ghal Matul il-Granet tal-Milied

65.4.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ghall-attivitajiet kollha li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser joganizza matul dawn il-granet ta` festi, m`huwa ser johrog xejn mill-allokazzjoni tal-Kunsill imma ser ssir kollox mid-donazzjonijiet li nghataw lill-istess Kunsill sabiex ikun f`pozizzjoni ahjar biex jaghmel dawn l-attivitajiet. Barra minn hekk zied jghid li mill-flus li ser jifdal ser ssir wahda mill-antiporti tal-intrata tal-Berga ta` Franza wara li l-Kunsll gie mghoti lilu b`donazzjoni is-somma ta` elf ewro mir-Rotary Club Malta biex din l-antiporta ssir. Il-Kunsill ser johrog il-kumplament li jammonta ghal sitt mija u tmenin ewro barra l-VAT. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill ser jhallas ukoll parti minn wahda mill-aperturi tal-Librerija Regjonali li hemm f`Couvre Porte, fejn parti mill-ispiza ser tinghata mid-Dipartiment minn skema li l-Kunsill ibenifika sitt mitt ewro. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill ser ihallas dawl ta` toroq li ntrama matul dawn il-granet tal-Milied u ser jhallas xi spejjez ohra li jamontaw ghal hames mitt ewro li ser ikun hemm ghal waqt l-attivita li ser titella` bejn il-21 u 22 ta` Dicembru, 2018 - Natale ghall Collachio. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jghin ukoll lill-Caritas Malta fejn ser jhallas parti mill-ispejjez (mitejn u hamsin ewro) ghall-party li jitella` lill-anzjani tal-lokal mill-istess Caritas Malta. Ghal matul lejliet il-Milied il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal darb`ohra rega` stieden lil Jackson Zaqq u Tanbur sabiex matul u wara l-quddies ta` nofsilejl jaghmlu

esebizzjoni taghhom, liem spiza tlehhaq it-tlett mitt ewro. Dan kollu ser jithallas mid-donazzjonijiet li l-Kunsill ircieva. Dawn gew approvati unanimament.

Is-Sur John Boxall ssugerriexa li jekk jifdal xi flus issir riciviment tal-ahhar legislatura ghall-ghaqdiet tal-lokal u benifatturi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u gie deciz li riciviement issir nhar is-Sibt 5 ta` Jannar 2019.

Is-Sur Anton Gellel ssugerriexa li jsir token zghir ghall-ex-Kunsilliera kollha f`gheluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, liema tifkira tinghata dakinhar tar-riciviment. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku konkluda li dwar l-ispejjez u dhul kollu li l-Kunsill ircieva ser jinghata rendikont fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Is-Sur Boxall ikonkluda billi qal li jekk jifdal xi flus jixtieq li jinxtara arlogg tal-lira sabiex dan jitpogga fil-kamra ta` fuq li giet irrestawrata. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**65.5 Ingagg ta` skrivan/a mall-Kunsill Lokali Birgu**

65.5.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li tieni persuna li giet maghzula biex timla` l-post vakant ta` skrivan fuq bazi full time mall-Kunsill ma accetatx l-impjieg. Ghalhekk is-Sindku suggeriexxa sabiex il-Kunsill johrog sejha ghall-skrivan/a fuq bazi part time minflok u dan jghin sabiex il-Kunsill johrog inqas spejjez. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**65.6 Performance bonus tal-haddiema klerikali tal-Kunsill**

Dan l-item ser jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**65.7 Sejha ghall-Offerti ghas-servizz ta` knis fil-lokalita tal-Birgu**

65.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva zewg offerti ghal dan is-servizz ta` knis. L-offerti kienu ta` Sur Owen Borg u tas-Sur Saviour Mifsud. Fil-jiem li gejjin ser ssir l-evalwazzjoni ta` dawn iz-zewg offerti minn nies professjonali mqabda mill-istess Kunsill.

**65.8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

65.8.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li gie avvicinat minn organizatturi barranin li jixtiequ jaghmlu tigrija (treasure hunt) fix-xahar ta` Jannar. Din it-treasure hunt ser ssir il-Belt Valletta u postijiet ohra u l-ahhar tigrija tispicca gewwa l-Belt tal-Birgu. Ghal din it-tigrija ser jiehdu sehem madwar tlett mitt atleta. Il-Kunsill approva din it-talba unanimament.

65.8.2 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li giet avvicinat minn organizatturi sabiex jtellu attivita ta` Triathlon li ser tigi organizzata gewwa Forti Sant`Anglu. Ghal din l-attivita l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser ikun qieghed jghin biex titella. Is-Sur Boxall zied jghid li din ser tkun ta` ghajnuna finanzjarja ghall-Kunsill Lokali tal-Birgu.

65.8.3 Gie deciz li laqgha annwali tal-lokalita ssir nhar il-Gimgha 8 ta` Frar 2019 fis-sitta ta` filghaxija.

**65.9 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

65.9.1 Is-Sur Trevor Mizzi nforma lil dawk prezenti li l-pont ta` fejn St.Angelo Mansions jinsab fi stat ta` abandun. Is-Sindku spjega li dik il-parti m`hiex responsabilta tal-Kunsill.

65.9.2 Is-Sur Anton Gellel staqsa kif il-Kunsill Lokali tal-Birgu ma jaghmilx toroq u dak neccassarju fil-lokalita. Is-Sur Gellel staqsa kif Kunsilli Lokali ohra jaghmlu u l-Kunsill taghna le. Is-Sur Gellel zied jghid li hemm pressjoni minn nies biex isiru certu toroq u jekk hemm xi toroq li riedu jsiru mill-Gvern u dawn ma sarux, il-Kunsill ghandu jaghmel press conference u jispega lin-nies.

Ghal dawn il-mistoqsijiet, is-Sindku, s-Sur John Boxall spjega kif it-toroq li ser ssiru kien il-Kunsill stess li nforma lill-Gvern liema huma u minflok deher membru parlamentari li ghamel dan ix-xoghol. Is-Sur Boxall zied jghid li jekk il-Kunsill jaqbel li ssir press conference, irid jara li din issir f`waqta u jkunu preparati x`ser jinghad.

Is-Sur Boxall ikonkluda billi qal li donazzjonijiet li qeghdin jinghataw u jingabru ghandhom jitnefqu ghar-raguni li ntlabu dawn il-flus u mhux ghall affarijiet ohra.

**65.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4493 sa` BOV 4549 , BOV Bank Transfer, ic-cekkijiet BOV 4505 u BOV 4548 gew ikkancellati u cekkijiet bin-numri, HSBC 9754 sa` HSBC 9758 . Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 13 ta` Novembru 2018 sas-17 ta` Dicembru 2018.

**65.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja neqsin kwart ta` filghaxija (7.45pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 21 ta`Jannar 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 29 ta` Jannar 2019

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

John Boxall
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv